## FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA, 5 TA' FRAR, 1996
AVVIZ NUMRU 4\96 J.R.

Attard Paul

vs

Casha Josephine

It-Tribunal,

Wara li ha konjizzjoni tal-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit- 8 ta' Jannar, 1996 fejn intalab:

l-ammont ta' tmienja u sebghin lira Maltija u wiehed u sittin centezmu (Lm78.61c) prezz bilancjali fuq oggetti mibjugha lil-konvenuta fit- 28 ta' Jannar, 1994, kif ukoll il-fatt li ma gietx prezentata risposta.

Wara li semgha x-xhieda ta' Paul Attard fis-seduta tat-2 ta' Frar, 1996 li kkonferma l-ammont dovut u wara li ha konjizzjoni tad-dokumenti ezebiti; kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra li:

Jirrizulta soddisfacentement pruvat li l-ammont in kwistjoni ghadu dovut mil-konvenuta.

Ghal dawn il-motivi jiddeciedi illi:

Jilqa' t-talba attrici fis-somma ta'' tmienja u sebghin lira Maltija u wiehed u sittin centezmu (Lm78.61c) bl-imghax legali mit- 28 ta' Jannar, 1994 sal-pagament effettiv u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma imsemmija ta' tmienja u sebghin lira Maltija u wiehed u sittin centezmu (Lm78.61c) bl-imghax legali mit- 28 ta' Jannar, 1994 sal-pagament effettiv;

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mil-konvenuta.

Dr. Joseph Refalo LL.D.
Gudikatur.

Vera kopja fotostatika
Dep. Reg.